Kunsill Lokali L-Iklin Local Council

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 41 – IL-ĦAMIS 16 TA' DIĊEMBRU 2021**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**41.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

41.1.1 Ma kienx hemm.

**41.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

41.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (40) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo issekondat.

41.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 41.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

41.3.1 Ma kienx hemm.

## 41.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

41.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien ser jgħaddi l-aktar items importanti li hemm fuq l-agenda bħala turija ta' solidarjetà mas-Segretarju Eżekuttiv minħabba raġunijiet ta' saħħa fil-familja.

## 41.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

41.5.1 Ma kienx hemm.

## 41.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

41.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-20 ta' Novembru u s-6 ta' Diċembru 2021 kif jidher fid-dokumenti A u B.

41.6.2 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2186/21. Mistoqsija Parlamentari 23454 dwar l-involviment tal-anzjani fil-lokalità.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li dawn it-tip ta' mistoqsijiet parlamentari jkunu qed isiru lill-Kunsilli kollha.

41.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2234/21. Kopja ta' ittra li ntbagħtet lill-Avukat dwar talba għall-kumpens dwar allegat inċident fi Triq il-Klin.

41.6.4 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2243/21. Laqgħa Ġenerali Annwali organizzata minn ANSEK.

Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo infurmat li kienet attendiet għal din il-Laqgħa u kienet ferm interessanti. Fil-ħin, kien hemm interruzzjoni fl-online streaming, li dehret bħala diffikultà teknika da parte tal-Viċi Sindku u s-Sindku stenna għal ftit ħin biex tiġi solvuta din il-problema teknika.

Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras talab biex jgħaddi għal aktar mistoqsijiet mill-Kunsillieri preżenti.

**COMPLAINTS SHEET (20 ta' Novembru - 6 ta' Diċembru 2021)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 268 | 20/11/2021 | Ġurdien mejjet fuq bankina – 'il fuq minn residenza nru. 97, Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Contractor** |
| 269 | 22/11/2021 | Inkonvenjent mill-ħsejjes ta' tappiera quddiem 92, Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 270 | 22/11/2021 | Ilment fuq *double parking* quddiem Real Estate, Triq E S Inglott, talba għall-infurzar. | Pending | Triq E S Inglott | **Police** |
| 271 | 24/11/2021 | Hemm parti minn ħajt imwaqqa' fi Triq l-Għaqba. | closed | Triq l-Ghaqba | **Contractor** |
| 272 | 24/11/2021 | Inkonvenjent mill-ħsejjes ta' tappiera quddiem 92, Triq il-Wied | Pending | Triq il-Wied | **Infrastructure** |
| 273 | 24/11/2021 | Hemm ħafna karti matul Triq Giovanni Curmi. | settled | Triq Giovanni Curmi | **Contractor** |
| 274 | 24/11/2021 | Kunsill tkellem mall-WSC rigward it-tappieri difettużi. | Pending | Triq il-Wied/Triq G.Abos | **WSC** |
| 275 | 26/11/2021 | Ilment minn third party li rċieva ingress ta' ilma tax-xita fir-residenza mill-bejt tas-Sala tal-Kunsill wara dik il-maltempata kbira. | Pending | Triq L F Mizzi | **COUNCIL** |
| 276 | 26/11/2021 | Hemm sadd ta' drenaġġ quddiem residenza nru. 62 Triq Ġ Curmi u daħlilhom volum ta' ilma tax-xita | Settled | Triq G Curmi | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 277 | 27/11/2021 | Inkonvenjent mill-ħsejjes ta' tappiera quddiem 92, Triq il-Wied | Pending | 10, Triq il-Prinjol | **Infrastructure Malta** |
| 278 | 27/11/2021 | Reminder - Ilment li kull darba li taghmel ix-xita, l-ilma jaqleb lejh fi Triq K Vassallo u l-katusa ta' fuq il-bejt ma tlaħħaqx. | Pending | 80, Triq Karmenu Vassallo | **COUNCIL** |
| 279 | 01/12/2021 | Reminder - Bankina għolja fi Triq Frederick Borg. | Pending | 8, Triq Frederick Borg | **COUNCIL** |
| 280 | 01/12/2021 | Ħajt imwaqqa' fi Triq l-Għaqba. | pending | Triq l-Għaqba | **POLICE** |
| 281 | 01/12/2021 | Talba biex jiżdied id-dawl fin-naħa t'isfel ta' Triq l-Għaqba għax hemm ħafna dlam u qed jintrema' ħafna skart illegali. | Pending | Triq l-Għaqba | **COUNCIL** |
| 282 | 02/12/2021 | Il-bozza li hemm quddiem stabbiliment tan-negozju għadha ma' tixgħelx. | Pending | Triq Ġeronimo Abos | **ENEMALTA** |
| 283 | 02/12/2021 | Hemm żewġ bozoz maqtugħin fi Triq il-Wied u Triq G Abos. | Pending | Triq Ġeronimo Abos | **ENEMALTA** |
| 284 | 02/12/2021 | Hemm it-traffic lights ta' Triq in-Naxxar mhux jixgħelu. | Pending - trid titlesta t-triq bit-tarmak l-ewwel | Triq in-Naxxar | **TM** |
| 285 | 02/12/2021 | Hemm parti mill-bankina difettuża fi Triq GM Azzopardi. | Pending | Triq GM Azzopardi | **COUNCIL** |
| 286 | 03/12/2021 | Ilment li hemm ħafna vilel li għandhom is-siġar jesporġu 'l barra fi Triq il-Wied. | Pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 287 | 04/12/2021 | Bozza mitfija mall-ħajt, 60 Triq G Curmi | pending | Triq Ġ Curmi | **Contractor** |
| 288 | 06/12/2021 | Ħiereġ id-drenaġġ minn tappiera fi Triq in-Naxxar. | pending | Triq in-Naxxar | **W.S.C.** |
| 289 | 06/12/2021 | Talba biex jitneħħa bollard milli ġie mplimentat fi Triq ES Inglott għaliex kien qed ikun ta' inkonvenjent għal terza proprjetà. | pending | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 290 | 06/12/2021 | Talba biex issir tabella li ċiklisti jkunu jistgħu jgħaddu ż-żewġ naħat minn Triq il-Ħwawar. | pending | Triq il-Hwawar | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 291 | 06/12/2021 | Ilment li hemm parti minn Sqaq il-Ħwawar qed iżomm għadira t'ilma. | pending | Sqaq il-Hwawar | **Infrastructure Malta** |

5.45p.m. Il-Kunsillier Emanuel Zammit daħal għas-seduta b'mod virtwali permezz ta' Microsoft Teams.

## 41.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

41.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

41.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo.

41.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

41.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' manutenzjoni fuq water-proof membrane fuq is-saqaf tas-Sala tal-Kunsill fi Triq Lewis F. Mizzi għall-prezz ta' Eur531.00c VAT inkluż. *Nem con*.

## 41.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

41.8.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

41.8.2 Applikazzjoni PC 00004/21 – Barbaġann, 4, Mons. P.P. Saydon, L-Iklin. Proposed extension to existing building/road alignment.

41.8.3 Applikazzjoni PA 07953/21 – Emma, Triq il-Mużika c/w Triq iċ-Ċitru, L-Iklin. Proposed change of use from Class 4B shop to Class 4C snack bar/cafteria including sanctioning of sign and roller shutter, including removal of flag sign and light posts.

41.8.4 Applikazzjoni PA 08084/21 – Redentur, Triq il-Mużika, L-Iklin. 'To demolish existing terraced house and erect new apartment block. Proposal to consist of basement level with 1 in no. 1 car garage, 2 in no. 2 car garages, 4 in no. 3 bedroom units and 1 in no. 2 bedroom unit t recessed level.

41.8.5 Applikazzjoni PA 08208/21 – 28, La Mirage, Flt. No 7, Triq Erin Serracino Inglott, L-Iklin. 'Proposed alterations to existing apartment.

41.8.6 Applikazzjoni PA 08281/21 – 16, Coral, Triq Ġużè Ellul Mercer, L-Iklin. Sanctioning of internal alterations to existing maisonette.

41.8.7 Applikazzjoni PA 02902/21 – 184, Villa Barka t'Alla, Triq il-Wied, L-Iklin 'Demolition of existing detached villa and the construction of 2 semi-detached villas with basements. Proposal includes for the use of the original pool and the construction of a second pool.

## 41.9 TRASFERIMENT TA' VACATION LEAVE MHUX UTILIZZAT MILL-IMPJEGATI GĦAS-SENA 2022

41.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti update ir-riżorsi umani tal-impjegati.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien obbligu li jtella l-*unutilized vacation leave* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jintiret għas-sena 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid li peresentaġġ għoli tal-*vacation leave* kien ittieħed mill-impjegati iżda dawk is-sigħat li ma ġewx utilizzati qed jitolbu biex jiġu utilizzati għas-sena 2022.

41.9.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

41.9.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 41.10 NOMINA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

41.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li skont Artiklu 49(2) tal-Att, wara l-emendi li saru fl-Att permezz ta' Att XXI tal-2020 fejn kull Kunsill għandu jkollu Segretarju Eżekuttiv u Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Kull Kunsill Lokali għandu jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill li jkunu minn skala 11 'il fuq biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew is-Segretarju Eżekuttiv għal xi raġuni ma jkunx jista' jaġixxi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu javża lill-Kunsill fil-ħin u bil-miktub dwar kull ċirkostanza fejn hu ma jkunx jista' jaġixxi.

41.10.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo biex il-Kunsill jinnomina lill-Assistent Uffiċċjal Prinċipali bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-eventwalità li tinqala din il-ħtieġa.

41.10.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

41.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jikteb lid-Direttur tal-Gvern Lokali bin-nomina u l-aċċettazzjoni tal-persuna.

## 41.11 ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2022

41.11.1 Dan is-suġġett ma ġiex diskuss fl-aħħar seduta kif kien spjegat fl-introduzzjoni ta' din is-seduta.

## 41.12 LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

41.12.1 Dan is-suġġett ma ġiex diskuss fl-aħħar seduta.

## 41.13 TMIEM TAL-LAQĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

41.13.1 Is-Sindku Dott. Sciberras awgura lill-Kunsillieri u lill-familjari tagħhom, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-amministrazzjoni tal-Kunsill, u l-komunità tal-Iklin Milied Hieni u s-Sena l-Ġdida mimlija risq, paċi u saħħa.

41.13.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2022 fil-5.30 p.m.

41.13.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2022 fil-5.30 pm.

41.13.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-5.52 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |